Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 1/2004/1

**Mark Lombardo, Charles Bonello,**
**Alfred Debono u John Zammit**

**v.**

**Kunsill Lokali Fgura**

**[recte: Mark Lombardo, Charles Bonello**
**Alfred Debono u John Zammit**

**v.**

**Kunsill Lokali Fgura u Registratur, Qrati Civili u Tribunali]**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Ottubru 2004 fil-kompetenza kostituzzjonali taghha li permezz taghha cahdet it-talba tas-sinjuri Lombardo, Bonello, Debono u Zammit li biha kienu qeghdin jitolbu li dik il-Qorti *"tiddikjara li bis-sentenzi fuq citati fil-konfront taghhom u b'mod partikolari bil-kundanna li jhallsu danni lill-Kunsill Lokali Fgura, gie ivvjolat id-dritt taghhom tal-liberta` tal-espressjoni u dan bi vjolazzjoni tal-precitati Art. 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 10 (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319) tal-Konvenzjoni Ewropea u b'hekk taghtihom dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa fis-sitwazzjoni."* Dik il-Qorti ikkundannat ukoll lir-rikorrenti jhallsu l-ispejjez ta' dawk il-proceduri.

Fir-rikors promotorju taghhom – migjub quddiem il-Prim Awla fit-13 ta' Jannar 2004 – l-imsemmija sinjuri kienu ippremettew li tlieta minnhom kienu kunsilliera fil-Kunsill Lokali tal-Fgura (u kienu ikkontestaw u gew eletti f'isem il-Partit Nazzjonalista), mentri John Zammit kien l-editur tal-gurnal "In-Nazzjon" li hu gurnal mahrug mill-Partit Nazzjonalista. Fissru wkoll li fis-sajf tas-sena 2001 kien hemm kwistjoni fi hdan l-imsemmi Kunsill dwar progett fi Triq Hompesch, il-Fgura, bil-maggoranza tal-kunsilliera (li kienu tal-Malta Labour Party) li ma kienux qed jaqblu ma' l-imsemmija tlett kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista fuq din il-kwistjoni. Din il-kwistjoni inghatat prominenza fil-*media*. Ir-rikors ikompli hekk:

**"Illi b'risposta ghall-artikolu li deher fis-26 ta' Lulju 2001 fl-istess gurnal, it-tlett kunsilliera rikorrenti ippubblikaw ittra fis-7 ta' Awissu 2001 fejn fost affarijiet ohra qalu li 'il-Kunsill Lokali Fgura naqas li jaghmel konsultazzjoni pubblika dwar din il-materja (i.e. il-progett ta' Hompesch Road) u qed jinjora l-opinjoni pubblika dwar din il-kwistjoni'.**

**“Illi l-Kunsill Lokali Fgura ipproceda b’kawza ta’ libell kontra r-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) li b’sentenza tat-12 ta’ Novembru 2002 sabet din il-pubblikazzjoni libelluza u malafamanti u kkundannat lir-rikorrenti jhallsu danni fis-somma ta’ elfejn lira (Lm2,000). Ir-rikorrenti appellaw minn din is-sentenza u b’sentenza tal-24 ta’ Novembru 2003 il-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) ikkonfermat dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn sabet li l-pubblikazzjoni kienet libelluza u malafamanti izda rriformat il-*quantum* ta’ danni billi rriduciet dawn id-danni minn Lm2,000 ghal Lm600.**

**“Illi l-esponenti jhossu illi l-pubblikazzjoni in kwistjoni hija <u>kritika legittima</u> ta’ Gvern Lokali permissibbli f’socjeta` demokratika <u>u ghalhekk is-sanzjonijiet imposti fuqhom mill-imsemmija Qrati</u> qed jilledulhom id-dritt fondamentali taghhom ta’ l-liberta` ta’ espressjoni garantita lilhom mill-Kostituzzjoni ta’ Malta fl-Art. 41 u mill-Konvenzjoni Ewropea fl-Art. 10.”** (sottlinear ta’ din il-Qorti, cioe` tal-Qorti Kostituzzjonali).

Issegwi, imbaghad, it-talba li gia` saret referenza ghaliha. Il-Kunsill Lokali Fgura, fir-risposta tieghu tad-19 ta’ Jannar 2004 ghal dan ir-rikors, wiegeb bazikament li r-rikors kien wiehed frivolu u vessatorju u li fi kwalunkwe kaz ma kien hemm ebda vjolazzjoni ta’ l-Artikoli 41 u 10 aktar ‘l fuq imsemmija.

**<u>Osservazzjonijiet preliminari ta’ din il-Qorti</u>**

F’dana l-istadju din il-Qorti hi tal-fehma li jkun utili li jigu osservati certi affarijiet fir-rigward ta’ dak allegat, ta’ kif ukoll ta’ kif svolgew ruhhom l-affarijiet quddiem il-Prim Awla kif ukoll ta’ dak li sehh quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-Qorti ta’ l-Appell fil-kors tal-kawza (civili) ta’ libell.

L-ewwel osservazzjoni li din il-Qorti trid taghmel hi li bir-rikors promotorju r-rikorrenti ma humiex jattakkaw il-ligi

(f'sens wiesgha, li ghalhekk tinkludi l-gurisprudenza ibbazata fuq dik il-ligi) ta' l-istampa li a bazi taghha huma gew ikkundannati fi proceduri civili kemm fi prim istanza kif ukoll fl-appell[1]. Kieku kien hekk, kien ikun evidenti li l-azzjoni kellha tkun diretta mhux kontra l-Kunsill Lokali Fgura izda kontra l-Avukat Generali in rappresentanza tal-Gvern ta' Malta, peress li hu l-Gvern ta' Malta, u mhux xi Gvern Lokali, li hu responsabbli mil-ligi ta' l-istampa u minn kwalsiasi emendi li talvolta jistghu jkunu mehtiega f'tali ligi jekk il-gurisprudenza tiehu b'xi mod direzzjoni li tikkozza kontra xi dritt fondamentali. Dak li qed jigi attakkat bhala lezivi tad-drittijiet fondamentali tas-sinjuri Lombardo, Debono, Bonello u Zammit huma s-sentenzi fihom infushom, cioe` kemm is-sentenza tal-Qorti Inferjuri tat-12 ta' Novembru 2002 kif ukoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-24 ta' Novembru 2003. Inoltre, fir-risposta taghhom ghar-rikors promotorju, l-imsemmi Kunsill b'ebda mod u f'ebda stadju (anqas f'dana l-istadju ta' appell) ma eccepixxa li hu ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Minkejja dan, jidher li l-ewwel Qorti hasset li kien hemm xi haga nieqsa fil-procedura li kienet qed tigi addottata, u fil-verbal ta' l-udjenza tal-20 ta' Jannar 2004 jinghad hekk: *"Fuq sottomissjonijiet ta' l-Avukat ta' l-intimati u biex jigi assigurat li l-gudizzju jkun shih, il-Qorti qed tordna lir-rikorrenti ghal kull buon fini illi jinnotifikaw lir-Registratur tal-Qorti bl-atti tar-rikors."* (sottolinear ta' din il-Qorti). Din ma hi xejn ghajr forma ta' kjamata in kawza ta' l-imsemmi Registratur (proprjament illum wiehed ma jistax jitkellem dwar Registratur wiehed izda hemm tlett Registraturi – ara l-Artikolu 58(4)(5) tal-Kap. 12, ir-regolament 7 ta' l-A.L. 139 ta' l-2004 u d-disposizzjonijiet ta' l-A.L. 138 ta l-2004). Fil-fatt, skond ir-riferta li tidher a fol. 25 *tergo* ta' l-atti, ir-Registratur gie notifikat bir-rikors promotorju fit-2 ta' Marzu 2004, izda dan baqa' ma jiffigurax fl-okkju tal-kawza. L-appellanti, fir-rikors ta' appell taghhom, indikaw bhala l-kontroparti mhux appellat wiehed izda tnejn -- "Kunsill Lokali Fgura u r-Registratur tal-Qrati" -- u a fol. 230 tal-atti hemm ir-risposta tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali li, fost affarijiet ohra, tghid li hu, cioe` dan ir-Registratur, ma hux il-legittimu

[1] In fatti anke l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, osservat, kif ser naraw, dan il-punt.

kontradittur f'dawn il-proceduri. Effettivament fl-udjenza tal-15 ta' Dicembru 2004 quddiem din il-Qorti (il-Qorti Kostituzzjonali) deher anke l-avukat ta' l-imsemmi Registratur, Dott. Aaron Bugeja. Ghalhekk din il-Qorti neccessarjament ghandha tikkonsidra li intimati appellati f'dana l-appell hemm sia il-Kunsill Lokali Fgura kif ukoll ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali.

Osservazzjonijiet ohra li jistghu konvenjentement isiru f'dana l-istadju huma dwar minn x'hiex ezatt kien qed jilmenta il-Kunsill Lokali Fgura, kif wiegbu l-appellanti odjerni quddiem il-Qorti tal-Magistrati u quddiem il-Qorti ta' l-Appell, u x'gie stabbilit bhala fatt minn dawn iz-zewg Qrati f'dik il-kawza civili. Fil-harga tal-gurnal "In-Nazzjon" tas-7 ta' Awissu 2001 dehret ittra taht il-firma tas-sinjuri Lombardo, Bonello u Debono li kienet tghid hekk:

**"Sur Editur, Qed niktbu biex nikkoregu impressjoni zbaljata li setghet inghatat f'artiklu dwar xoghlijiet fit-toroq, taht it-titlu 'Ix-xoghol fi Triq l-Imdina fl-ahhar fazi', li deher f'*In-Nazzjoni* tas-26 ta' Lulju, u li fih jissemmew xoghlijiet f'diversi toroq fosthom Triq Hompesch fil-Fgura.**

**"Irridu niccaraw li l-intoppi li jezistu dwar ix-xoghlijiet fi Triq Hompesch fil-Fgura huma bejn il-Kunsillieri Laburisti tal-Fgura, immexxija mis-sindku Anthony Degiovanni u d-Dipartiment tat-Toroq.**

**"Il-Kunsillieri Laburisti qed jipproponu li parti minn Triq Hompesch issir *one-way*, liema proposta ma gietx accettata la mit-*Traffic Control Board*, la mill-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku, u lanqas mill-GRTU. Il-Kunsill Lokali Fgura naqas li jaghmel konsultazzjoni pubblika dwar din il-materja u qed jinjora l-opinjoni pubblika dwar din il-kwistjoni.**

**"Il-posizzjoni tal-Kunsillieri Nazzjonalisti fil-Kunsill Lokali Fgura hi li nheggu lid-Dipartiment tat-Toroq biex mill-aktar fis possibbli jibda x-xoghol tant mehtieg fi Triq Hompesch fil-Fgura, fl-istess waqt li nappellaw lill-Kunsillieri Laburisti biex iwarrbu l-**

**ghamad politiku u jibdew jahdmu fl-interess tal-lokalita` taghna tal-Fgura.”** (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Kif jirrizulta anke minn dak li jinghad fl-avviz quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), dak li l-aktar kien qed jilmenta minnu l-Kunsill Lokali Fgura kienu l-kliem sottolineati. Quddiem il-Qorti Inferjuri l-unika eccezzjoni li ressqu il-konvenuti (ir-rikorrenti appellanti odjerni) quddiem dik il-Qorti kienet dik li l-pubblikazzjoni ma kienitx libelluza billi tammonta ghal “fair comment”[2]. Ma nghatat ebda eccezzjoni ohra. Il-qofol tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) jinsab fis-segwenti paragrafu:

**“Illi ghalhekk l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti tal-“fair comment” ma tistax tigi akkolta stante li l-fatti addebitati lill-atturi mhux biss ma gewx ippruvati izda gie addirittura pprovat il-kuntrarju.**

**“Illi ghalhekk il-kummenti esposti mill-konvenuti fl-ittra in dizamina ma jikkwalifikawx bhala ‘fair and bona fide’ peress li l-fatti attribwiti lill-atturi nomine ma rrizultawx li huma veri.”** (fol. 167 tal-atti ta’ dik il-kawza).

Quddiem il-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) is-sinjuri Lombardo, Debono, Bonello u Zammit ilmentaw li l-ewwel Qorti (cioe` l-Qorti tal-Magistrati) kienet applikat skorrettement il-ligi u l-fatti, li kienet gibdet konkluzjonijiet ta’ fatt li ma kienux jirrizultaw mill-atti, u li l-ammont ta’ danni (Lm2,000) li kienu gew ikkundannati jhallsu kien eccessiv. Il-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri), fis-sentenza taghha ta’ l-24 ta’ Novembru 2003 esprimiet ruhha b’dan il-mod qabel ma rrespingiet l-appell ta’ l-imsemmija sinjuri:

**“Certament il-Kunsill Lokali attur ma jistax ma jitqiesx organu pubbliku, u allura, kif fuq imfisser, fil-konfront tieghu il-parametri tal-kritika dwar l-operat tieghu ghandhom spazju aktar wiesgha.**

---

[2] Ara n-nota ta’ eccezzjonijiet tad-19 ta’ Dicembru 2001, fol. 7 tal-atti ta’ dik il-kawza li jinsabu inseriti fl-atti tal-kawza odjerna.

**“Ghal dawk li huma fatti li taw lok ghall-kawza jidher li dawn gew korrettement ri-epilogati fis-sentenza appellata, u allura ma ghandhomx ghalfejn jigu mtennija.**

**“Kwantu ghall-aggravji dawn iridu jigu ezaminati fil-kuntest tal unika eccezzjoni moghtija mill-konvenuti illi l-kitba kienet ‘fair comment’. Eccezzjoni din li kienet timporta l-kostatazzjoni ta’ dawk l-aspetti tal-kitba, li l-atturi nomine qiesu bhala malafamanti, kienet bazata fuq allegazzjoni ta’ fatti li kienu sostanzjalment veri fil-kompletezza taghhom…**

**“Huwa indubitat illi l-accertament tal-fatti, l-apprezzament u l-valutazzjoni dwarhom, huma rizervati lill-gudikant. U allura, bhal f’kull kaz iehor din il-Qorti ta’ revizjoni normalment ma tindahalx jekk issib li l-apprezzament huwa ezenti minn vizzji logici.**

**“Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi u ma ssibx li m’ghandhiex taqbel mal-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti fis-sens tal-motivazzjoni illi l-fatti fil-kitba inkriminata ma kienux jirrispekkjaw il-verita`…**

**“Gja gie ampjament espost illi wiehed ghandu jzomm quddiem ghajnejh illi fejn l-informazzjoni tipprezenta profil indiskutibbli ta’ interess pubbliku din tipprevali fuq konsiderazzjonijiet soggettivi tal-parti kritikata. Dan komplimentari mal-gustifikazzjoni tal-ezercizzju tad-dritt ta’ kronaka. Filwaqt li dan hu hekk rikonoxxut u moghti harsien, ciononostante jibqa’ dejjem jimpera l-principju ‘illi l-liberta` tal-istampa ma timplikax licenzja ghall-ingurji b’addebiti ta’ fatti foloz intizi biex ihammgu l-fama u l-integrita` ta’ haddiehor u ppubblikati minghajr l-icken sforz ta’ verifika’ –** ***Onor. Perit Charles Buhagiar v. Ray Bugeja nomine*** **Appell, 25 ta’ Mejju 2001.”** (fol. 202 sa 204).

Fi kliem iehor, kemm il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll il-Qorti ta’ l-Appell irritenew li l-eccezzjoni ta’ “fair comment” – l-

unika eccezzjoni moghtija – ma setghetx tirnexxi ghax il-fatti li kienu qed jigu attribwiti lill-Kunsill Lokali Fgura, u indipendentement minn kwalsiasi kumment dwar dawk il-fatti, kienu foloz.

**Is-sentenza appellata**

Fis-sentenza appellata, wara li l-Prim Awla cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-Kunsill Lokali Fgura li r-rikors u dawk il-proceduri (kostituzzjonali) kienu "ghal kollox frivoli u vessatorji", ghaddiet biex tezamina l-meritu tal-vertenza u qalet hekk:

**"Illi għal dak li jirrigwarda l-mertu tal-azzjoni, jiġi osservat li f'din il-kawża, ir-rikorrenti m'humiex qegħdin jgħidu li xi parti mil-liġi applikata mill-Qorti fis-sentenzi li għalihom jirreferu tikser il-jedd fondamentali tagħhom għal espressjoni ħielsa. Huma qegħdin jgħidu li huma s-sentenzi nfushom li jċaħħdulhom dak il-jedd. Ir-rikorrenti jgħidu li dak li għamlu kien parti mid-dmir tagħhom bħala kunsillieri eletti lejn il-pubbliku li jirrappreżentaw, fl-ambitu tal-Kunsill Lokali li minnu jagħmlu parti u fil-jedd li l-istess pubbliku għandu li jkun mgħarraf bi ħwejjeġ ta' interess pubbliku li jinteressawh;**

**"Illi l-Qorti tifhem ukoll li r-rwol tagħha f'din l-istanza kostituzzjonali m'huwiex wieħed li jħalliha terġa' tidħol f'eżami tal-mertu tal-proċedura tal-libell għaliex din il-Qorti ma tistax isservi bħala qorti "tat-tielet appell", kif ta' spiss jingħad. Is-sejbien ta' ħtija fir-rikorrenti fuq ir-riżultanzi u għar-raġunijiet imsemmija fis-sentenzi msemmija jikkostitwixxu fatt li din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha ma tistax terġa' tiddibatti. Dak li din il-Qorti tista' u sejra tagħmel huwa li tqis jekk jirriżultax li l-imsemmija sentenzi jiksru il-jedd tar-rikorrenti (kemm bħala l-awturi tal-ittra u bħala kunsillieri, u kif ukoll bħala editur tal-ġurnal li fih dehret l-ittra) għall-espressjoni ħielsa;**

**"Illi għandu jingħad li l-liberta' tal-espressjoni żżomm post ewlieni fil-qafas tal-jeddijiet fondamentali tal-**

**bniedem, u dan mhux biss għaliex uħud mill-jeddijiet fondamentali l-oħrajn jissawru fuq l-eżerċizzju tal-liberta' tal-espressjoni, imma għaliex dik l-istess liberta' ta' spiss taħbat ma' interessi jew saħansitra ma' jeddijiet oħrajn daqstant fondamentali. Huwa minħabba f'hekk li mil-liġi nfisha[3] joħroġ li, għalkemm il-liberta' tal-espressjoni hija daqshekk importanti, hija wkoll waħda mil-libertajiet l-aktar suġġetti għal-limitazzjonijiet li jagħtu marġini mhux illimitat ta' applikazzjoni lill-organi tal-Istat (kemm lil-leġislatur, fl-għamil ta' liġijiet, u kif ukoll lill-ġudikatura, fit-tifsir u l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ)[4]. Min-naħa l-oħra, hija l-istess liġi[5] li trid li l-applikazzjoni tal-imsemmi marġini, ukoll dik magħmula minn qorti indipendenti u imparzjali, tkun suġġetta għas-superviżjoni u skrutinju tal-organi ġudizzjarji konvenzjonali[6]. Il-kejl ewlieni li bih jitqies jekk l-indħil fil-jedd ta' espressjoni ħielsa huwiex permess huwa l-kejl tal-proporzjonalita' tal-għamil li jillimita l-jedd;**

**"Illi għalhekk, filwaqt li kull għamla ta' espressjoni, magħmula b'kull mezz maħsub biex ixerridha, tgawdi mill-ħarsien tal-liberta' ta' espressjoni, il-liġi tagħfas ħafna fuq il-ġustifikazzjoni tal-limitazzjonijiet permissibbli għall-istess liberta'.[7] Ta' min ifakkar li l-jedd tal-espressjoni ħielsa japplika kemm għall-espressjoni nfisha u kif ukoll għall-meżż użat biex ixerridha[8]. L-istess jedd japplika kemm għal tagħrif (informazzjoni) u kif ukoll għal idejat jew fehmiet, li mhux meħtieġ li jkunu fatti li wieħed jista' jivverifika[9], għaliex il-jedd ta' espressjoni ħielsa jħares ukoll fehmiet, kritika u spekulazzjoni[10];**

**"Illi fost iċ-ċirkostanzi maħsuba taħt il-liberta' tal-espressjoni, il-liġi tħares il-jedd li wieħed "jirċievi idejat u tagħrif mingħajr indħil, (u) liberta' li**

---

[3] Ara art. 41(2) u (4) tal-Kostiruzzjoni u art. 10(2) tal-Konvenzjoni
[4] ECHR **7.12.1976** fil-kawża ***Handyside vs U.K.*** (Applik. Nru. 5493/72) par. 48-9
[5] Artt. 19 u 50 tal-Konvenzjoni
[6] ***Handyside*** par 50
[7] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention of Human Rights (1995) paġ.377
[8] *Ibid.* paġ. 379
[9] ECHR **8.7.1986** fil-kawża ***Lingens vs Austria*** (Applik. Nru. 9815/82), par. 34 sa 47
[10] ECHR **25.6.1992** fil-kawża ***Thorgeir Thorgeirson vs Iceland*** (Applik. Nru 13778/88), par. 55 sa 70

**jikkomunika idejat u tagħrif mingħajr indħil (kemm jekk il-komunikazzjoni tkun lill-pubbliku in ġenerali jew lil xi persuna jew klassi ta' persuni)"[11]. Iżda ġie mfisser li d-dritt li tikkomunika idejat u tagħrif ma jfissirx li wieħed għandu d-dritt ta' aċċess għall-meżżi li bihom tali tagħrif jista' jixxerred jew jitqassam[12];**

**"Illi filwaqt li l-artikolu 41(2) tal-Kostituzzjoni jagħmilha ċara li l-ebda ħaġa magħmula skond l-awtorita' ta' xi liġi m'għandha titqies inkonsistenti mal-jedd imħares taħt is-sub-artikolu (1) għal dak li, fost l-oħrajn, jirrigwarda l-ħarsien tar-reputazzjonijiet, drittijiet u libertajiet ta' persuni oħra, l-artikolu 10(2) tal-Konvenzjoni jrid li billi l-eżerċizzju tal-liberta' tal-espressjoni jġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għall-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'liġi u jkunu meħtieġa f'soċjeta' demokratika;**

**"Illi fil-qasam tal-komunikazzjoni bil-meżżi tal-istampa, imbagħad, l-indħil li l-jedd tal-espressjoni ħielsa jirreferi għalih jista' jkun indħil minn awtorita' pubblika wara li jkun sar l-eżerċizzju ta' dak il-jedd. Dan jiġri fil-każ ta' proċedimenti kriminali għall-malafama jew proċeduri ta' disprezz[13] għall-proċedimenti ta' għamla ċivili f'libell: f'din l-aħħar ċirkostanza, kundanni qawwija jew mhux mistennija ta' kumpens għad-danni f'libelli famużi minħabba pubblikazzjonijiet tqiesu bħala ksur tal-jedd tal-espressjoni [14]. Meta jkun qiegħed jitqies jekk teżistix limitazzjoni mistħoqqa tal-jedd tal-espressjoni ħielsa, mhux ta' min iwarrab it-twiddiba li "*post-publication sanctions may have an impact on the publication of information other than that against which they are directed because of their 'chilling effect' on those responsible for the subsequent production of other materials*"[15]. F'dan ir-rigward, il-pożizzjoni ta' ċerti**

[11] Art 41(1) tal-Kostituzzjoni. L-art. 10(1) tal-Konvenzjoni jiġbor kollox fil-frażi "jinkludi l-liberta' li jkollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u idejat mingħajr indħil"
[12] ECommHR **14.6.1971** fil-kawża ***X & Association Z vs U.K.*** (Applik. Nru, 4515/70), par. 38
[13] ECHR **26.4.1979** fil-kawża ***The Sunday Times vs U.K.*** (Applik. Nru. 6538/74), par. 54-7
[14] Ara, per eżempju, ECHR **13.7.1995** fil-kawża ***Tolstoy Miloslavsky vs U.K.*** (Applik. Nru. 18139/91), par. 35 sa 49
[15] Harris, O'Boyle & Warbrick *op. cit.* paġ. 387-8

**kategoriji partikolari ta' persuni fil-ħajja pubblika tqieset bħala raġuni rilevanti li għaliha l-indħil jew limitazzjonijiet li l-Istat jista' jagħmel għall-jedd tal-espressjoni ħielsa għandhom jiġu mifhuma f'tifsira dejqa aktar milli wiesgħa[16]. Fost dawn il-kategoriji, ewlenija fosthom hija dik ta' persuni involuti fil-ħajja politika[17];**

**"Illi b'żieda ma' dan il-Qorti ssib li s-siltiet li ġejjin mill-kittieba diġa' msemmija huma siewja għall-każ preżenti. Kemm hu hekk, jingħad illi l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem "*attaches the highest importance to the protection of political expression and, generally, requires the strongest reasons to justify impediments on the exercise of political speech. ... The privileged position of political speech derives from the Court's conception of it as a central feature of a democratic society, both in so far as it relates to the electoral process and to day-to-day matters of public concern. ... The protection of expression rights of politicians demands particular stringency, the more so for members of the opposition. There is, though, a price to be paid: politicians are required to be tolerant of criticisms of themselves, even of sharp attacks, in the same democratic interest.*"[18];**

**"Illi minkejja dan għandu jiġi ċċarat ukoll li ngħad b'awtorita' li l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni "*does not, however, guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph (2) of the article the exercise of this freedom carries with it 'duties and responsibilites', which also apply to the press. These 'duties and responsibilites' are liable to assume significance when, as in the present case, there is a question of attacking the reputation of private individuals and***

---

[16] ECHR **23.4.1992** fil-kawża ***Castells vs Spain*** (Applik. Nru. 11798/85), par. 42-3 (kawża li tirreferi għall-kategorija ta' persuni mdaħħlin fil-qasam politiku)

[17] ECHR **13.11.2003** fil-kawża ***Scharsach & News Verlagsgesellshaft vs Austria*** (Applik. Nru. 39394/98), par. 29

[18] Harris, O'Boyle & Warbrick , *op. cit.* paġ. 397

***undermining the 'rights of others'. ... By reason of the 'duties and responsibilities' inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism.*"[19];**

**"Illi l-Qorti tqis ukoll li ż-żamma tal-bilanċ bejn il-jedd tal-espressjoni ħielsa u l-jedd għar-riputazzjoni, l-unur u l-isem tajjeb tal-persuna hija preokkupazzjoni kruċjali li l-Qrati tagħna żammew quddiem għajnejhom f'każi ta' din l-għamla, ukoll meta ingħatat tifsira aktar liberali tal-jedd tal-espressjoni ħielsa[20]. Fil-qasam ta' proċedimenti taħt il-Liġi tal-Istampa u kif dawn jaħbtu mal-jedd tal-espressjoni ħielsa, il-Qorti m'għandhiex għalfejn telabora, u jidher biżżejjed li tirreferi għas-sentenza li ngħatat mhux wisq żmien ilu mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet *Glenn Bedingfield kontra l-Kummissarju tal-Pulizija et*[21], li fiha ġabra sfiqa ta' prinċipji rilevanti u aġġornati tat-tifsira tajba li jmissha tingħata għall-bilanċ ta' jeddijiet hawn fuq imsemmi. Minnha joħroġ ukoll li l-limitazzjonijiet u s-sanzjonijiet maħsuba fil-liġijiet tagħna dwar l-istampa huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjeta' demokratika, kif imfissra f'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qorti ta' Strasburgu[22] ;**

**"Illi l-kawża preżenti tintlaqat fil-qalba minn dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt li l-Qorti għadha kif semmiet. Ir-rikorrenti, fis-sottomissjonijiet magħmula mid-difensur tagħhom, jisħqu illi l-proċeduri ta' libell meħudin fil-konfront tar-rikorrenti ma kinux inbdew minn persuna fiżika, imma minn Kunsill Lokali u għalhekk, ir-restrizzjonijiet maħsuba fil-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni għall-jedd ta' espressjoni ħielsa**

[19] ECHR **20.5.1999** fil-kawża ***Bladet Tromso and Stenaas vs Norway*** (Applik.Nru. 21980/93), par. 65
[20] App. Ċiv. **16.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Joseph M. Fenech vs Louis Cauchi et***
[21] 7 ta' April, 2003
[22] Ara, per eżempju, ECHR **27.6.2000** fil-kawża ***Constantinescu vs Romania*** (Applik.Nru. 28871/95) par 67-9 u ECHR **10.6.2003** fil-kawża ***Cumpana & Mazare vs Romania*** (Applik. Nru. 33348/96), par. 46-9

**ma japplikawx. Minbarra dan iżidu jgħidu wkoll li l-ittra tagħhom ma kinitx tikkritika persuni individwali, imma l-ħidma in ġenerali ta' Gvern Lokali fil-persuna tal-imsemmi Kunsill, u għalhekk ukoll il-limitazzjonijiet tal-eżerċizzju tal-jedd ta' espressjoni ħielsa ma jistgħux jintużaw kontrihom ladarba l-mira tal-ittra tagħhom kienet kritika lejn għamil jew azzjoni amministrattiva. Il-Qorti ssib li dawn l-argumenti tar-rikorrenti ma jirriflettux sewwa t-tifsira li ngħatat lid-dispożizzjonijiet rilevanti li jħarsu d-dritt tal-espressjoni ħielsa u l-limitazzjonijiet preskritti għal tali dritt. Minbarra dan, l-awtorita' ġudizzjarja li huma jistrieħu fuqha[23] tirrigwarda ksur tal-jedd fondamentali fir-rigward ta' proċeduri kriminali meħuda mill-Pulizija mingħajr il-kwerela tal-parti offiża (li żgur ma kienx il-każ fil-proċedura li nbdiet mill-Kunsill kontra r-rikorrenti), u lanqas ma jingħad fiha li l-Istat jew attributi tiegħu (bħalma huwa l-Gvern Lokali rappreżentat minn Kunsill Lokali) ma jgawdux il-jedd li jħarsu l-unur, ir-riputazzjoni jew l-isem tajjeb tagħhom;**

**"Illi b'mod partikolari, l-elementi ewlenin li fuqhom jistgħu jistrieħu l-limitazzjonijiet validi tal-jedd tal-espressjoni ħielsa ma ġew bl-ebda mod attakkati kif imiss mir-rikorrenti. Dawn l-elementi (magħrufin u mtennija darba wara l-oħra mill-Qorti Ewropeja) huma (a) limitazzjoni stabilita minn liġi; (b) limitazzjoni maħsuba għall-ħarsien ta' persuni oħrajn; (ċ) il-proporzjonalita' tal-limitazzjoni u (d) li l-limitazzjoni hija ġustifikabbli f'soċjeta' demokratika. M'hemmx dubju li l-bażi tas-sentenzi li minnhom jilmentaw ir-rikorrenti hija liġi speċjali – il-Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta – li kienet fis-seħħ kemm meta dehret l-ittra u kif ukoll fiż-żmien kollu rilevanti matul il-proċeduri ċivili li wasslu għas-sentenza fit-tieni grad. Ma jidhirx lanqas li hemm dubju li r-rimedju mogħti fl-artikolu 28 tal-Kap 248 huwa rimedju mogħti lil persuna li tista' tħossha mweġġa', disprezzata jew ridikolata fil-ġieh tagħha;**

[23] Riferenza Kost. **5.10.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Pulizija vs Brincat et*** (Kollez. Vol: **LXXVI.i.110**)

**"Illi dwar iż-żewġ elementi l-oħrajn, u fid-dawl tal-osservazzjonijiet li saru aktar qabel, il-Qorti jidhrilha li s-sanzjoni imposta fuq ir-rikorrenti kienet waħda proporzjonali, l-iżjed meta wieħed jieħu kont tal-fatt li l-ammont ta' danni pagabbli lill-Kunsill Lokali intimat tnaqqas b'mod sostanzjali mill-Qorti tat-tieni grad fis-sentenza aħħarija tagħha. Dwar jekk il-limitazzjoni – jiġifieri l-konsegwenza ta' proċediment ċivili ġudizzjarju kontra min jagħti malafama lil ħaddieħor bil-mezz tal-istampa – hijiex waħda ġustifikata f'soċjeta' demokratika, il-Qorti tgħid biss li il-Liġi tal-Istampa ma twaqqafx minnha nfisha (għalkemm tista' tnaqqar mill-assolutezza tal-liberta' tal-espressjoni) l-eżerċizzju tal-jedd tal-espressjoni ħielsa, u, b'mod partikolari f'dan il-każ, ir-rikorrenti lanqas għamlu xi sottomissjoni f'dan is-sens;**

**"Illi għalhekk l-Qorti hija tal-fehma li ma tistax issib li saret xi ħaġa waqt il-proċeduri ġudizzjarji meħudin kontra r-rikorrenti mill-Kunsill Lokali intimat li tista' titqies bħala ċ-ċaħda tal-jedd tagħhom għall-espressjoni ħielsa. Il-proċedura meħuda kontra r-rikorrenti taħt l-Att dwar l-Istampa ma kienx proċediment awtomatiku imnissel biss għax ġiet pubblikata l-ittra min-naħa tagħhom. Lanqas ma kienet effett awtomatiku ta' ksur tal-Kodiċi tal-Etika għall-Kunsillieri Lokali, kif forsi jipprova jargumenta l-Kunsill Lokali intimat. Ir-raġuni waħdanija għaliex ittieħdu l-proċeduri kontra r-rikorrenti (u s-sentenzi mogħtija taw raġun lil min bdiehom) kienet għaliex, fl-eżerċizzju tal-jedd tagħhom li jesprimu rwieħhom u jikkomunikaw fehmiet u tagħrif, ir-rikorrenti qabżu mil-limitu permess minn dak il-jedd u rrendew irwieħhom ħatja li kisru jedd daqstant ieħor siewi li jħaddan il-Kunsill Lokali intimat. Lanqas ma jista' jingħad li l-Kunsill Lokali intimat jaħti għal xi ksur tal-jedd tar-rikorrenti għar-raġuni li beda l-proċedura tal-libell, għaliex il-Kunsill kien qiegħed jeżerċita jedd (il-jedd ta' aċċess għal qorti imparzjali u indipendenti għad-determinazzjoni dwar l-eżistenza ta' dritt jew obbligu ċivili) li jgawdi taħt l-ogħla liġi tal-pajjiż. Il-**

**massima *qui suo jure utitur neminem laedere videtur* issib applikazzjoni f'dan ir-rigward;**

**"Illi wara li l-Qorti fliet sewwa l-argumenti tal-partijiet u l-proċeduri li fuqhom jissejjes l-ilment tar-rikorrenti, hija tasal għall-fehma li l-imġiba tal-Qrati li taw is-sentenzi li dwarhom jilmintaw ir-rikorrenti u l-istess sentenzi jaqgħu sewwasew fil-limiti ta' għamil jew formalitajiet magħmula skond l-awtorita' ta' liġi u meħtieġa f'soċjeta' demokratika. Fl-ewwel lok, kemm il-Qorti tal-ewwel grad u kif ukoll il-Qorti fi stadju tal-appell għamlu riferenza speċifika għall-bilanċ li jrid jinstab bejn id-dritt tal-espressjoni ħielsa u l-jeddijiet ta' persuni individwali. Dan għamluh ukoll b'riferenzi diretti għal deċiżjonijiet awtorevoli fil-mertu. Dan juri wkoll li l-istess Qrati kienu konsapevoli tal-jeddijiet taż-żewġ partijiet, u dan l-għarfien tagħhom jitfa' dawl fuq x'wassalhom li jaslu għad-deċiżjoni li fl-aħħar waslu għaliha;**

**"Illi, fuq kollox, minn dak li joħroġ mill-atti tal-kawża mibdija kontra r-rikorrenti, il-konklużjoni li tinstilet minn dawk is-sentenzi m'hijiex attakk fuq il-jedd tagħhom li jesprimu rwieħhom b'mod ħieles, imma attakk kontra l-abbuż mill-jedd li kellhom a skapitu tal-jeddijiet tal-Kunsill Lokali intimat."**

**<u>L-appell kostituzzjonali</u>**

Permezz ta' rikors presentat fl-14 ta' Ottubru 2004 is-sinjuri Lombardo, Debono, Bonello u Zammit appellaw minn din is-sentenza. L-aggravji taghhom, imqassma fuq hames paragrafi, jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. Ghalkemm huwa minnu li l-Prim Awla, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, m'ghandhiex tkun qorti tat-tielet appell, hija xorta wahda kellha tezamina l-meritu tal-kawza mil-lenti kostituzzjonali u mhux semplicement tara jekk il-Qorti tal-Magistrati u l-Qorti ta' l-Appell osservawx id-disposizzjonijiet tal-Kap. 248.
2. L-ittra in kwistjoni kienet kritika ta' l-operat tal-Gvern, ankorke` Gvern Lokali u mhux Gvern Centrali, u bhala tali

din il-kritika kellha tinghata l-akbar protezzjoni u l-akbar latitudini b'rispett lejn id-dritt fondamentali tal-liberta` ta' espressjoni.

3. Ghalhekk tali kritika ma setghetx tigi censurata.

4. Gvern, stat u socjeta` m'ghandhomx fama jew reputazzjoni x'jippreservaw, u ghalhekk qalu x'qalu l-appellanti fl-ittra in kwistjoni ma tistax titqies bhala malafamanti u konsegwentement libelluza.

5. Kullma ghamlu l-appellanti kienu li qalu li l-konsultazzjoni pubblika (li kien ghamel il-Kunsill Lokali Fgura) ma kienitx tissodifahom bhala konsultazzjoni, u talli huma esprimew din il-fehma huma ma setghux jigu kkundannati jhallsu danni morali ghal malafama.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Galadarba, kif diga` gie osservat, dak li qed jigi kkontestat ma hix il-ligi ta' l-istampa – il-Kap. 248 – *ut sic* jew il-gurisprudenza bbazata fuq din il-ligi, u galadarba wkoll din il-Qorti m'ghandhiex isservi bhala qorti tat-tielet grad, jigifieri bhala qorti ta' appell mill-Qorti ta' l-Appell – haga, din, li anke l-appellanti jaqblu maghha, isegwi li l-<u>uniku mod</u> kif dan il-kaz jista' issa jigi ezaminat f'sede kostituzzjonali biex wiehed jara jekk kienx hemm lezjoni ta' l-Artikoli 41 u 10 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament hu billi wiehed jara jekk effettivament il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fir-realta` applikawx "ligi" jew "gurisprudenza" kompletament differenti minn dik li kellhom japplikaw; ghax <u>jekk ikunu ghamlu hekk</u> ikun jista' jinghad li, fit-tutela tad-drittijiet pretizi mill-Kunsill Lokali Fgura, dawn iz-zewg organi gudizzjarji ma jkunux agixxew "skond l-awtorita` ta' xi ligi" (Art. 41(2) tal-Kostituzzjoni) u ma jkunux applikaw ir-restrizzjonijiet "preskritti b'ligi" (Art. 10(2) tal-Konvenzjoni). Bil-mod kif giet proposta l-vertenza quddiem il-Prim Awla – u cioe` (i) mhux kontra l-Avukat Generali in rappresentanza tal-Gvern izda kontra l-Kunsill Lokali Fgura, (ii) minghajr ma gie kontestat il-Kap. 248 jew xi disposizzjoni tieghu jew il-gurisprudenza marbuta ma' l-istess ligi, izda (iii) billi gie kontestat biss l-operat taz-zewg Qrati li hadu konjizzjoni tal-kawza ta' libell – dan biss kien

il-kompitu li kellha quddiemha l-ewwel Qorti, u li issa ghandha quddiemha din il-Qorti (il-Qorti Kostituzzjonali).

Minn ezami akkurat taz-zewg sentenzi, cioe` dik tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Novembru 2002 u dik tal-Qorti ta' l-Appell ta' 24 ta' Novembru 2003, din il-Qorti hi sodisfatta li dawn iz-zewg qrati effettivament applikaw korettement kemm id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248) kif ukoll il-gurisprudenza dwar din il-ligi, u mhux xi ligi ohra jew xi gurisprudenza li m'ghandhiex x'taqsam. Anzi jista' jizdied li f'dawn iz-zewg sentenzi hemm anke riflessjonijiet dwar aspetti tad-dritt fondamentali tal-liberta` ta' l-espressjoni. Apparti li quddiem il-Qorti tal-Magistrati u l-Qorti ta' l-Appell l-appellanti odjerni qatt ma sollevaw xi eccezzjoni li kunsill lokali ma setax jigi malafamat, din il-Qorti hi tal-fehma li, bhala korp statutorju b'personalita` legali distinta[24] kunsill lokali jista' jimmalafama u anke jigi malafamat. Fid-dawl ta' l-unika eccezzjoni li l-appellanti odjerni taw quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-kompitu ta' dik il-Qorti kif ukoll tal-Qorti ta' l-Appell kien li jaraw jekk il-kontenut ta' l-ittra kienx "kumment" (jew "value judgment") jew "attribuzzjoni ta' fatt", u jekk il-bazi tal-kumment jew dak il-fatt kienx veru jew le (apparti, s'intendi, jekk dak il-kumment kienx wiehed "fair", u jekk il-fatt attribwit kien inveritjer jekk dan kienx inaqqas mill-gieh jew mir-reputazzjoni tal-Kunsill Lokali Fgura). Kif inghad fil-kaz ***Lingens v. Austria*** (li kien jirrigwarda proceduri kriminali, mhux civili, ghal diffamazzjoni) il-Qorti ta' Starsbourg ghamlitha cara li

**"…a careful distinction need to be made between facts and value judgments. The existence of facts can be demonstrated, whereas the truth of value-judgments is not susceptible of proof. The Court notes in this connection that the facts on which Mr Lingens founded his value-judgments were undisputed…"** [25]

[24] Artikolu 3(2), Kap. 363.
[25] Decizjoni tat-8 ta' Lulju 1986, A. 103, p. 28.

Huwa veru li fejn si tratta ta' nies li jokkupaw kariga pubblika, u b'mod partikolari nies fil-politika, il-margini ta' dak li hu accettabbli bhala kritika ossia kumment negattiv ("value-judgment") huwa ferm aktar wiesgha milli fir-rigward ta' persuni ohra, u addirittura din il-margini hi aktar wiesgha meta si tratta ta' kritika tal-Gvern[26], pero` din il-Qorti ma taf b'ebda gurisprudenza li accettat li anke l-attribuzzjoni ta' fatti li jkunu foloz (u malafamanti) huma protetti mill-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni jew mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja. L-eccezzjoni tal-"fair comment" proposta mill-appellanti odjerni quddiem il-Qorti tal-Magistrati kienet neccessarjament timplika li l-fatti li fuqhom ikun ibbazat dak il-kumment ikunu sostanzjalment veri.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ma tarax li l-appell interpost jista' jkollu xi validita`.

Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju – anzi, bil-kontra, huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skond il-ligi – u hu ma hux f'posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.

Ghall-motivi premessi – u ghalhekk mhux neccessarjament ghall-istess motivi migjuba fis-sentenza appellata – din il-Qorti, filwaqt li tillibera lir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali mill-osservanza tal-gudizzju, tirrespingi l-appell ta' Mark Lombardo, Charles Bonello, Alfred Debono u John Zammit tal-14 ta' Ottubru 2004 u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza ikunu a karigu ta' l-appellanti.

[26] Ara, per ezempju, ***Castells v. Spain*** 23 ta' April 1992: *"The limits of permissible criticism are wider with regard to the Government than in relation to a private citizen, or even a politician. In a democratic system the actions or omissions of the Government must be subject to the close scrutiny not only of the legislative and judicial authorities but also of the press and public opinion."* , para. 46.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------